**274. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' BINI U L-ART TA' MADWARU F'ST. PATRICK'S FIL-LIMITI TA' SAN ĠILJAN, LILL-ĦAL-FERĦ HOLDAY COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jagħti b'kera lil-Ħal-Ferħ Holiday Company Limited, bini u l-art ta' madwaru f'St. Patrick's fil-limiti ta' San Ġiljan deskritta fl-Abbozz ta' ftehim fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, b'kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati ;

Għalhekk huwa b'dan rizolut li l-art f'St. Patrick's fil-limiti ta' San Ġiljan deskritta fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, tista' tiġi mogħtija lill-Ħal-Ferħ Holiday Company Limited, għaż-żmien, b'kera u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess Abbozz.

**18.07.1980**